

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Lulju 2019 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-53/18) (¹)

(“*Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Regolament (UE) Nru 305/2011 — Regolament (UE) Nru 1025/2012 — Prodotti tal-kostruzzjoni — Regoli armonizzati EN 13341:2005 + A1:2011 u EN 12285-2:2005 — Obbligu ta’ motivazzjoni*”)

(2019/C 328/50)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: inizjalment minn T. Henze u J. Möller, sussegwentement minn J. Möller, aġenti, assistiti minn M. Winkelmüller, F. van Schewick u M. Kottmann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes u A. Sipos, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, fl-ewwel lok, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1995 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar iż-żamma f'Il-Ġurnal Uffīċjali tal-Unjoni Ewropea tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 13341:2005 + A1:2011 dwar tankijiet statiċi termoplastiċi għall-ħażna 'l fuq mill-art ta' żjut tat-tisħin domestiċi, pitrolju u fjuwils tad-diżiżil f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2017, L 288, p. 36), u, fit-tieni lok, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1996 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar iż-żamma f'Il-Ġurnal Uffīċjali tal-Unjoni Ewropea tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 12285-2:2005 dwar tankijiet tal-azzar maħdumin fil-ħanut tax-xogħol skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2017, L 288, p. 39).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbat l-ispejjeż tagħha u dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 112 du 26.3.2018.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-11 ta' Lulju 2019 — Gollnisch vs Il-Parlament

(Kawża T-95/18) (¹)

(“*Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew — Allowance ta’ assistenza parlamentari — Irkupru tas-somom imħallsa indebitament — Ilment — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta’ motivazzjoni — Żball ta’ fatt*”)

(2019/C 328/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Bruno Gollnisch (Villiers-le-Mahieu, Franza) (rappreżentant: B. Bonnefoy-Claudet, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Seyr et M. Ecker, aġenti)